**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 2 ta' Frar 2001**

**Numru 4**
**Citaz. Nru. 780/92 FD**

**Mary Briffa f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Tammy u Douglas**
**vs**
**Joseph Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici hija mizzewga lill-konvenut u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal minuri Tammy u Douglas;

Premess illi l-konvenut huwa hati kontra l-attrici martu ta' adulterju, sevizji, minacci, vjolenza u ngurji gravi b'mod li rrenda l-hajja matrimonjali bejniethom impossibbli;

Premess illi permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 585/92 tal-15 ta' Gunju 1992 (Dok A) l-attrici giet awtorizzata tghaddi ghas-separazzjoni personali minn zewgha u nghatat il-kustodja ta' uliedha minuri, kif ukoll il-manteniment skond il-ligi;

Premess illi zewgha huwa hati ta' adulterju ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili (Kap 16);

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-konjugi Briffa minhabba adulterju, sevizji, minacci, u ngurji gravi li konvenut ikkommetta kontra martu;

2. Takkorda lill-attrici l-kustodja ta' uliedha minuri Tammy u Douglas;

3. Takkorda lill-attrici u liz-zewg uliedha minuri Tammy u Douglas dak il-manteniment xieraq skond il-ligi;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-Artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili fis-sens li tigi moghtija

lill-attrici l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha u li zewgha jigi kkundannat irodd lura d-dota taghha;

5. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-konjugi Briffa u l-istess komunjoni likwidata u maqsuma f'zewg porzjonijiet indaqs li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut billi ghall-finijiet ta' din l-ahhar talba jigi nominat perit legali jew xort'ohra biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u ta' din l-istess Qorti kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. In-nullita` tac-citazzjoni jew f'kull kaz in-nullita` tal-kopja tac-citazzjoni li rceva l-konvenut billi ma jirrizultax li l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tirrapprezenta lil uliedha minuri, f'din ic-citazzjoni odjerna, u dana kif jidher mill-kopja fotostatika tac-citazzjoni, annessa ma' l-

eccezzjonijiet, kif irceviha l-konvenut zewgha Joseph Briffa;

2. In-nullita` tac-citazzjoni u/jew in-nullita` tal-kopja tac-citazzjoni li rcieva l-konvenut stante li ma fihix indikazzjoni dwar l-indirizz residenzjali jew tal-post tal-hidma ta' l-attrici, element mehtieg skond il-procedura minhabba n-notifika ta' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet, dikjarazzjoni guramentata, u f'dan il-kaz partikolari tal-kontro-talba li ser issir, billi l-attrici ghandha jedd li tigi notifikata skond il-ligi u hi ma pprovdietx l-indirizz skond il-procedura li fih ghandha tigi notifikata;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari, fil-mertu l-konvenut m'huwiex hati kontra l-attrici martu ta' adulterju, sevizzi, minacci, vjolenza u ngurji gravi b'mod li rrenda l-hajja matromonjali bejniethom impossibbli, imma ghall-kuntrarju it-tort uniku tal-falliment ta' dan iz-zwieg huwa ta' l-attrici kif jigi elaborat fid-dikjarazzjoni guramentata ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet, u mbaghad fil-kontro-talba ghal din ic-citazzjoni li sejra ssir stante li l-konvenut ukoll huwa awtorizzat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jipprocedi ghall-kawza ta' separazzjoni *a mensa et thoro* minn ma' l-imsemmija martu l-attrici permezz ta' digriet numru 586/92 moghti fil-15 ta' Gunju 1992, li kopja legali tieghu hija

annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet u mmarkata bhala Dokument JB3;

4. Illi ghad illi huwa minnu li l-attrici permezz ta' digriet 585/92 datat 15 ta' Gunju 1992 giet awtorizzata biex tissepara minn ma' zewgha u giet akkordata lilha il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri Tammy u Douglas, u anke giet akkordata lilha retta alimentari ghaliha u ghaz-zewg uliedha minuri, biss il-konvenut jirribatti li huwa qatt ma ikkommetta xi adulterju jew kien il-kagun ta' xi sevizzi, ingurji gravi, theddid, minacci u deportament hazin, jew li kien hemm xi nkompatibilita` cara fil-karattru tieghu fil-konfront ta' martu fis-sens li hu "qatt ma ried jghix il-hajja normali ta' ragel mizzewweg skond in-normi socjali acettati mis-socjeta` taghna" u li ghalhekk l-attrici ma setghetx tibqa' tghix ta' mara mizzewga ma' l-istess konvenut kif jigi elaborat fid-dikajrazzjoni guramentata ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet u fil-kontro-talba li sejra ssir ma' din ic-citazzjoni odjerna;

5. Illi l-konvenut qieghed bl-aktar mod krudil jigi michud milli jkollu xi forma ta' access ghal uliedu minuri, u dana minhabba l-attegjament negattiv ta' l-istess attrici u l-familjari taghha, u dan jirrifletti li l-attrici ma hijiex kapaci u m'ghandiex ikollha l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri f'idejha minhabba l-immaturita` taghha mill-frustrazzjoni tal-hajja taghha b'tendenzi lezbjanici trid tinvendikom fuq l-istess ulied

innocenti u dana minbarra l-fatt li qed tkun ta' ezempju hazin bhala omm lill-ulied minuri ghar-ragunijiet li jigu elaborati aktar 'il quddiem f'din ic-citazzjoni u l-kontro-talba;

6. Illi l-konvenut mhux f'qaghda li jghaddi ebda manteniment lil martu u dana billi hi kienet il-kagun li telfitlu u kisritlu karriera u issa jinsab disokkupat kagun ta' l-instabilita` u krudelta` enormi li l-attrici kkagunat fil-hajja tal-konvenut, u li ghalhekk huwa qieghed jirriserva li jitlob l-alimenti minghand l-istess attrici;

7. Illi mhux minnu li l-konvenut qatt ikkommetta adulterju anzi proprju kienet l-attrici li ghamlet l-adulterju u anke ghixet hajja znaturali minhabba t-tendenzi lezbjanici u erotici taghha kif jindika id-dokument JB4 anness man-nota ta' l-eccezzjonijiet, li huwa wiehed minn sensiela ta' ritratti provokattivi li l-attrici rpuzat ghalih mal-habiba lezbjana taghha kif del resto hi l-istess attrici, ghad illi ghandha ukoll relazzjonijiet ma' diversi rgiel;

8. Illi ghaldaqstant m'ghandhomx jigu applikati fil-konfront tal-konvenut l-Artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili, Kap 16, imma tali Artikoli fis-sens Artikolu 48 u 49 minflok 50 ghandhom ikunu applikati fil-konfront ta' l-attrici kif jigi elaborat fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u skond il-kontro-talba li qed issir ma' din in-nota odjerna;

9. Illi l-konvenut ma joggezzjonax ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti imma mhux ghar-ragunijiet ta' adulterju, sevizzi, minacci, u ngurji gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-attrici, imma minhabba l-adulterju ta' martu kif ukoll minhabba l-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti ta' l-attrici kontra l-konvenut, u anke kontra l-istess uliedhom minuri, u anke minhabba li issa l-hajja flimkien m'ghadx ghada possibbli minhabba li z-zwieg issa definittivament tkisser irremedjabilment, u minkejja t-tentattivi biex issir s-separazzjoni bonarja l-attrici baqghet intransigenti u dan m'ghamlitux, anke kif jindika d-Dokument JB5, li huwa ittra miktuba fis-7 ta' Settembru 1992, mill-konsulent legali tal-konvenut lill-istess attrici;

10. Illi din il-Qorti ghal ragunijiet serji li ma jkunux fl-interess suprem tal-minuri m'ghandhiex takkorda lill-attrici l-kustodja ta' uliedha minuri Tammy u Douglas, imma ghandha takkorda l-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied lill-konvenut li fl-interess suprem ta' l-istess ulied huwa l-aktar persuna addattata biex tiehu hsieb il-minuri;

11. Illi l-konvenut m'ghandu jigi obbligat li jaghti l-ebda forma ta' alimenti lill-attrici u dana ghar-ragunijiet fondati fil-ligi kif jigi elaborat fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-

istess konvenut u fl-eventwali kontro-talba ma' din ic-citazzjoni;

12. Illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-Artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili fis-sens li tigi moghtija lill-attrici il-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha u li zewgha jigi kundannat irodd lura l-beni taghha, imma din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-Artikoli 48 u 49 ta' l-istess Kodici Civili kontra l-attrici ghar-ragunijiet li jigu elaborati fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, mix-xhieda u mill-kontro-talba;

13. Illi l-konvenut jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti fis-sens li l-ewwel u qabel kollox l-attrici ghandha tirritorna lill-konvenut dawk l-affarijiet li serqet mid-dar konjugali tal-konvenut meta l-attrici qatt ma hadmet xejn u kien l-istess konvenut li bil-hila tieghu xtara l-affarijiet li nsterqu *in toto* mill-istess attrici b'mod li lanqas halliet lill-konvenut la post fejn jorqghod u lanqas platt fejn jiekol fih, u illi fid-dawl tal-ligi a bazi tal-fatti li jigu ppruvati fil-mori ta' din il-kawza, l-attrici ghandha tigi michuda minn dawk l-affarijiet li ma jkunux inkisbu bil-hidma taghha, u li jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun tinnomina perit legali ghal dan il-fini, ghad illi l-affarijiet li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti fil-kaz odjern huma fil-fatt limitatissimi;

14. Illi ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt il-konvenut m'ghandu jbati ta' l-ebda spejjez la tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u lanqas ta' quddiem din l-Onorabbli Qorti billi z-zwieg falla tort unikament ta' l-istess attrici u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut f'din in-nota ta' l-eccezzjonijiet;

15. Illi l-konvenut jirreferi ghall-kontro-talba tieghu ma' din ic-citazzjoni odjerna u ghad-dikjarazzjoni guramentata tieghu fl-istess kontro-talba;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tassew twila pprezentata mill-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenut fejn ippremetta:-

Illi fil-25 ta' Mejju 1992, f'ismu proprju u ghan-nom taz-zewg uliedu minuri Tammy ta' 12-il sena u Douglas ta' sena u erba' xhur, kien intavola fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili rikors fejn wara illi ppremetta li l-kontendenti kienu zzewgu fis-16 ta' Dicembru 1978 u li minn dan iz-zwieg huma kellha zewgt itfal li t-tnejn ghadhom minuri, u

cioe` Tammy u Douglas, imbaghad elabora li martu Mary Briffa kienet qabdet u abbandunat id-dar konjugali minghajr ebda raguni valida fil-ligi u li l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma kienetx ghadha aktar possibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, minacci, deportament hazin u nkompatibilita` assoluta ta' karattru da parti ta' l-intimata versu l-esponenti, u ghaldaqstant il-konvenut f'din il-kawza Joseph Briffa kien talab umilment lis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tawtorizzah jipprocedi ghall-kawza ta' separazzjoni *a mensa et thoro*, minn ma' l-intimata martu, quddiem il-Quddiem kompetenti, kif ukoll il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri Tammy u Douglas jigu fdati f'idejn l-esponenti taht kull provvediment li s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili jidhrilha xieraq u opportun;

Illi l-kontendenti dehru quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju, 1992 biex jaghtu lil dik il-Qorti l-informazzjonijiet mehtiega skond il-ligi;

Illi permezz ta' digriet numru 586/92 is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 15 ta' Gunju 1992 laqghet l-ewwel talba tal-konvenut izda cahdet it-tieni talba fis-sens li s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili aderit ruhha mal-konvenzjoni stabbilita` f'pajjizna illi t-tfal qishom awtomatikament ghandhom jinghataw lil omm il-kura u l-kustodja taghhom irrispettivament minn dak li tkun ghamlet jew m'ghamlitx, u l-konvenut gie obbligat ihallas retta alimentarja li fic-cirkostanzi huwa mhux biss ma felahx finanzjarjament jaghti imma ma

hassx li huwa kellu jaghti c-cifra ta' Lm35 kull gimgha f'idejn mara li l-kontribut ewlieni taghha ghall-hajja konjugali mal-konvenut kienet li taghmel minn kollox biex tghix il-hajja perversa taghha u tkisser lill-konvenut fil-hajja personali u socjali tieghu kif sfortunatament ikollu jigi ammess li sehh;

Illi kopja legali ta' dan il-digriet giet annessa mal-process fl-elenku tad-dokumenti li hemm man-nota ta' l-eccezzjoniiet f'din l-istess citazzjoni;

Illi mart il-konvenut, l-attrici odjerna, kienet ukoll responsabbli ghal kommessjoni ta' adulterju minbarra l-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti taghha kemm kontra l-istess konvenut kif ukoll kontra l-istess ulied minuri minn maz-zwieg taghha mal-konvenut, u ghaldaqstant il-konvenut kien kostrett illi jiehu l-opportunita` tac-citazzjoni intavolata mill-istess martu sabiex minflok ma jaghmel citazzjoni kompletament separata huwa stess, jaderixxi ruhu anke mal-fatt li jinsab debitament awtorizzat skond il-ligi biex ikun jista' jaghmel dawn il-proceduri, il-konvenut qieghed jaghmel din il-kontro-talba;

Illi kagun ta' l-agir ta' l-attrici qed issir hsara irreparabbli lill-ulied minuri, saret hsara serja psikologikament u fizikament lill-istess konvenut tant li kellu jieqaf mill-impjieg regolari tieghu, u premess ukoll illi l-attrici ma hijiex mara mizzewgha u omm denja li jisthoqqilha

la li tinghata xi forma ta' alimenti mill-istess zewgha u wisq anqas li tigi fdata f'idejha il-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied minuri;

Wara dawn il-premessi tassew esawrenti talab lil din il-Qorti sabiex:-

a. Tiddikjara s-separazzjoni legali ta' bejn il-kontendenti b'mod illi jintemm, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien, u li jaqsmu l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet li l-istess ligi taghti lill-koppja li legalment ikunu inghaqdu fi stat ta' zwieg;

b. Tiddikjara li s-separazzjoni sehhet kagun ta' l-Artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li r-ragel talab il-firda minhabba l-adulterju ta' martu;

c. Tiddikjara li s-separazzjoni sehhet ukoll minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti ta' l-attrici kontra l-konvenut, jew kontra xi wiehed jew wahda jew iz-zewgt itfal minuri taghhom miz-zwieg taghhom, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment skond kif hemm elenkat fl-Artikolu 40 ta' l-istess Kodici Civili;

d. Tiddikjara s-seprazzjoni bejn il-kontendenti anke a bazi ta' l-Artikolu 44 tal-Kodici Civili kif ukoll l-Artikolu 45;

e. Tiddikjara illi l-mara, l-attrici, li abbandunat id-dar konjugali, m'ghandhiex tinghata l-ebda somma ghall-manteniment taghha u dana anke ghar-raguni li l-istess attrici minghajr ma kellha tassew ghaliex mhux biss abbandunat id-dar konjugali imma marret toqghod Bormla fid-dar tal-genituri taghha kontra r-rieda espressa ta' l-istess zewgha l-konvenut li certament fejn marret toqghod ma kienx il-lok li zgur kien jaghzel zewgha kieku kien hemm ragunijiet ghala l-istess martu kellha tabbanduna id-dar konjugali;

f. Tiddikjara li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri ghandha tigi f'data f'idejn il-konvenut missierhom Joseph Briffa u dana fl-interess suprem ta' l-istess ulied jew jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun tighata l-kura u l-kustodja konguntiva ta' l-istess tfal minuri f'idejn il-genituri taghhom b'obbligazzjonijiet kif imfassla minn din il-Qorti, jew jekk ikun il-kaz jigi nominat espert biex jigwida lill-genituri kif l-ahjar jaderixxu ghal kuncett tal-kura u kustodja konguntiva fid-dawl ta' uliedhom minuri mehud inkonsiderazzjoni li l-eta` tat-tifla l-kbira hija avvanzata b'mod li minn hawn u ftit iehor issir maggorenni;

g. Tiddikjara li l-mara hija l-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 38 specjalment, u b'hekk tilfet il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili; tilfet dak kollu li tkun kisbet minghand il-konvenut b'donazzjoni bi

hsieb ta' zwieg jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; tilfet kull jedd li hi ghandha ghal nofs ta' l-akkwisti li waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra; tilfet il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li jaghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

h. Tiddikjara li l-effetti kollha applikabbli fil-konfront tal-konvenut kontra l-attrici u li johorgu mill-Artikolu 48 ta' l-istess Kodici Civili ghandhom jigu applikati kontra l-istess attrici;

i. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti fis-sens li tfissru l-ligi, kif ukoll li l-kontendenti jitilfu d-dritt versu xulxin ghas-successjoni ta' xulxin kif ukoll li l-attrici ghandha tirritorna fi hdan l-assi li kien jamministra zewgha dak kollu li tkun hadet meta abbandunat id-dar konjugali;

j. Tiddikjara li l-htija tal-firda hija tal-mara u dana minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli li hemm inidikati fl-Artikolu 49 tal-Kodici Civili, u li ghalhekk mart il-konvenut tilfet ukoll il-jedd taghha ghad-dotarju, u li f'dak il-kaz zewgha jista' jzomm matul hajjet l-attrici l-uzufrutt ta' l-istess dota, u dana skond l-istess Artikolu 49 tal-Kodici Civili, Kap 16;

k. Tiddikjara li l-effetti kollha ta' l-Artikoli 51, 52, 53, 54, 55 ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

l. Tiddikjara li l-effetti ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fis-sens illi t-tfal ghandhom jigu moghtija f'idejn dik il-parti illi fuq talba taghha tkun giet moghtija l-firda, jekk il-Qorti, fis-sentenza tal-firda jew b'decizjoni ohra, ma tkunx ordnat xort' ohra ghall-ahjar ta' l-ulied, u li l-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm mat-talba tal-firda ma tkunx saret ebda talba dwar min ghandu jiehu t-tfal f'idejh, u dana fid-dawl tat-talbiet li jipprecedu din it-talba partikolari;

m. Tiddikjara li l-effetti kollha implikati fl-Artikolu 56 u 57 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fid-diskrezzjoni tal-Qorti mehud inkonsiderazzjoni Artikolu 57 subinciz (3) fejn il-Qorti tista' tipprojbixxi ghal kollox lill-omm li tara lit-tfal meta dana jista' jkun ta' hsara ghat-trobbija ta' l-istess tfal minuri u dana mehud inkonsiderazzjoni l-karatteristici pornografici, perversi u erotici ta' l-istess attrici kif il-Qorti inghatat biss farka hjiel taghhom fil-process ta' din il-kawza;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici, kemm dawk gudizzjarji kif ukoll extra gudizzjarji, kemm dawk diretti kif ukoll indiretti, imma li ghandhom x'jaqsmu b'mod jew iehor ma dawn il-proceduri odjerna;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut akkompanjanti l-istess kontro-talba tieghu, kif ukoll il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-imsemmija kontro-talba tal-konvenut u fejn fiha hija eccepiet:-

1. Illi fic-citazzjoni taghha hija qaghdet attenta biex tinkwadra il-kawza taghha fil-qafas legali minghajr hafna dettalji u minghajr ma jsir ebda *character assassination* ta' zewgha sabiex ma jwegga hadd;

2. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u fid-dikjarazzjonijiet ta' zewgha sar attentat sadist fuq il-karattru taghha sabiex zewgha jipprova jiehu dak li ma hax quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li cahdet it-talba ghall-kustodja ta' uliedhom minuri minkejja l-attentat li ghamel hemmhekk biex jipprova jitfa t-tajn fuq martu;

3. Illi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' l-istess digriet akkordat manteniment ta' Lm35 fil-gimgha lil Mary Briffa fuq dikjarazzjoni tieghu stess tad-dhul li kellu;

4. Illi biex ma jonorax dan l-obbligu u kif qal lill-istess martu huwa rrezenja mill-istess

impjieg biex ma jmantnix lil martu u lil uliedu;

5. Illi martu qatt ma cahditlu access ghall-ulied u li kien hu li abbanduna lill-istess uliedu u ma marx jarahom aktar ghaliex meta mar, martu talbitu l-manteniment li sallum ghadu ma jaghtihix;

6. Illi l-perverzjoni sesswali u l-pornografija ghandu jwiegeb l-istess zewgha li matul il-hajja mizzewga fl-Ingilterra taht theddid anke li joqtolha geghelha tippoza ghar-ritratti u ghamel qliegh minnhom;

7. Illi r-ritratti esebiti huma biss tnejn minn hafna ritratti li gibed l-istess Joseph Briffa ghall-gost perverz tieghu u biex jinnegozja l-pornografija minn fuq martu;

8. Illi l-attrici kemm-il darba rrifjutat tippoza imma kienet tissawwat minn zewgha sabiex taqdih kif ikun irid hu. Ir-rittratti esebiti ttiehdu minnu wara hafna provi u ppuzar sakemm il-konvenut hareg ir-rizultat mehtieg;

9. Illi l-konvenut Joseph Briffa anke kien jimmanifattura biros li jisparaw li kapaci joqtlu n-nies u kien proprju dan li l-aktar li kien ibezza lill-attrici ghaliex kienet tibza' anke li joqtolha;

10. Illi fl-Ingilterra ma kellha lil hadd u kienet thossha wahedha u ghalhekk it-theddid

ta’ l-uzu tal-forza u l-uzu effettiv tal-vjolenza fuqha, gabuha f’estremita li lanqas setghet toffri l-icken rezistenza kontra zewgha;

11. Illi zewg l-attrici pprova anke jikkorrompi lil binthom. Ta’ dan l-attrici ghandha l-provi li jigu moghtija waqt is-smiegh tal-kawza;

12. Illi kien proprju l-hsieb ta’ korruzzjoni ta’ binthom li gieghel lill-attrici thajjar lil zewgha jigu joqghodu Malta, sabiex ikollha l-protezzjoni tal-familja. Fil-fatt kif jghid il-konvenut stess l-attrici marret toqghod bieb ma’ bieb mal-genituri taghha;

13. Illi meta giet Malta zewgha ghazel post f’karrejja fil-Belt bit-tama li jkompli juza lill-attrici imma din telqitu u marret tghix qrib il-genituri taghha fejn qeghda trabbi lil uliedha f’ghozza kbira;

14. Illi ghal ragunijiet ta’ prudenza l-attrici m’hix tessebixxi dokumenti, imma dawn tkun tista’ turihom lill-Qorti f’ambitu ta’ privatezza sabiex issir hsara mill-anqas;

15. Illi dan dawn il-motivi kollha, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad il-kontro-talbiet u tilqa’ it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni pprezentata minnha;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet taghha tat-13 ta' Lulju 1995, illi permezz tieghu giet nominata l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u anke tal-kontra-talba wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-Relazzjonijiet ta' l-istess espert legali li jinsabu a fol 251 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-8 ta' Ottubru 1996, kif ukoll dik ulterjuri a fol 286 *et sequitur* tal-process konfermata fl-Udjenza fit-12 ta' April tas-sena 2000;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti minhabba htijiet tal-konvenut liema htijiet kienu jinkludu wkoll l-adulterju; hija ghamlet ukoll is-soliti talbiet ghal kura u kustodja ta' l-ulied minuri, kif ukoll ghall-

manteniment ghaliha u ghall-imsemmija zewg ulied, u li l-Qorti tapplika kontra l-konvenut l-artikoli citati fic-citazzjoni; hija talbet ukoll ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u d-divizjoni taghha wara n-nomina ta' perit legali;

Illi minn naha tieghu l-konvenut cahad l-allegazzjonijiet kollha maghmula minn martu u pprezenta kontro-talba ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minhabba tortijiet da parti ta' martu li din tilfet id-dritt tal-manteniment u talab ukoll li jigu akkordati lilu l-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll l-applikazzjoni ta' l-artikoli citati kontra l-attrici odjerna u s-soliti talbiet dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-Qorti tirrileva li din hija wahda minn dawk il-kawzi fejn il-partijiet jghidu wiehed abjad u l-iehor iswed, u nnotat li biex il-partijiet jiggustifikaw il-premessi taghhom kienu lesti jinzlu f'livelli tassew baxxi fl-akkuzi li ghamlu kontra xulxin; dan huma setghu jaghmluh b'aktar diskrezzjoni filwaqt li jwasslu l-istess messagg li riedu, u dan anki minhabba l-effett li jista' eventwalment jkun hemm fuq iz-zewg ulied tal-kontendenti;

Illi l-Qorti hija konvinta li z-zewg partijiet esageraw in-nuqqasijiet tal-konjugi l-iehor u ma hijiex ser toqghod tidhol f'hafna dettalji li wassluha ghal konkluzjoni li z-zewg partijiet b'diversi stejjer minnhom rakkontati kienu qeghdin almenu jasegeraw bil-kbir;

Illi ghalkemm il-Qorti kif gja osservat fehmet li z-zewg kontendenti esageraw fl-ispjegazzjoni inutili u rrelevanti li huma taw ta' diversi episodji, pero` anke hawn setghet tifhem li l-piki li kien hemm bejniethom wassluhom ghal dan il-punt; dak li l-Qorti certament influenzaha l-izjed kien pero` x-xhieda li tat t-tifla taghhom Tammy li spjegat kif anke fl-eta` ta' madwar ghaxar snin kienet saret taf bil-hnizrijiet kollha li kienu jikkommetu l-genituri taghha;

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-abbli relatrici meta fid-dawl ta' dan il-hmieg kollu iddikjarat *"l-esponenti izda waslet ghall-konkluzjoni, li, wara li tqis ix-xhieda ta' binthom Tammy, li fil-fatt it-tnejn kienu jafu ezattament x'kien qed jigri fil-hajja 'komplikata' sesswali ta' xulxin u li ghal zmien twil kienu kuntenti b'dik it-tip ta' hajja. Meta mbaghad waslu il-kumplikazzjonijiet tas-separazzjoni, f'daqqa wahda saru vittmi"*; il-Qorti taqbel illi r-ritratti u l-attivitajiet pornografici imsemmija kienu jsiru bil-kunsens u anke bil-partecipazzjoni ta' l-istess konvenut waqt li l-attrici kienet tippartecipa ghal dawn it-tip ta' "attivitajiet", ghax riedet hi u mhux ghax kienet sfurzata. Ezami dettaljat tax-xhieda estensiva izda senjatament dak li qalet l-imsejkna binthom, ma jhallix dubju dwar din il-konkluzjoni;

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-kontendenti ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali taghhom pero` bi htijiet taz-zewg

partijiet li t-tnejn kienu jinkludu nuqqasijiet tassew gravi;

Illi dwar it-talba ghal kura u kustodja tal-minuri l-Qorti semghet ukoll bosta allegazzjoni u anke xhieda u z-zewg partijiet ippruvaw jaghtu stampa ta' innocenza kbira taghhom u ppruvaw jaghtu stampa li qeghdin jitkazaw bl-effetti negattivi li jistghu jkollhom fuq l-ulied minuri; dana kollu jidher tassew falz meta wiehed jezamina l-atti kollha tal-process;

Illi fil-mori tal-kawza t-tifla Tammy saret maggorenni imma fadal it-tifel Douglas li pero` fl-ahhar udjenza, skond il-verbal relattiv, il-partijiet qablu li jibqa' jghix ma' l-attrici u l-missier jibqghalu access liberu bi ftehim mal-kontro parti fuq il-linji li qed isir prezentement;

Illi dwar it-talbiet kollha relattivi ghal qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif gustament osservat l-abbli relattrici *"dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti ma ngabux provi. Fic-cirkostanzi u stante li t-tnejn iddekadew mill-obbligi taghhom kif elenkati fl-Artikolu 41 tal-Kodici Civili, kull parti ghandha tkompli zzomm dik il-parti tal-komunjoni li jista' jkollha fil-pussess taghha si et quatenus"*;

Illi dwar il-manteniment, il-kontendenti, skond l-istess verbal imsemmi, qablu li dan jibqa' kif prezentement provdut u cioe` ta' Lm50 fix-xahar ghal minuri Douglas;

Illi l-Qorti tirrileva li fil-kontro-talba hemm numru interminabbli ta' domandi u ghalhekk dawn qed jigu determinati fis-sustanza taghhom fid-decide ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Briffa izda dana minhabba nuqqasijiet taz-zewg kontendenti;

Tilqa' limitatament it-Tieni Talba attrici in kwantu tirreferi ghat-tifel minuri Douglas, fis-sens illi takkorda u tafda konguntament il-kura u l-kustodja ta' l-imsemmi minuri liz-zewg kontendenti, b'dan pero` illi l-imsemmi minuri ghandu jibqa' jghix ma' l-attrici, waqt li l-konvenut ghandu jkollu access liberu kif mitlub mill-istess zewg kontendenti;  waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in kwantu tirreferi ghat-tifla Tammy li llum saret maggorenni;

Tilqa' it-Tielet Talba u takkorda lill-attrici manteniment ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar ghat-tifel Douglas, liema ammont il-konvenut huwa kkundannat ihallas regolarment fid-dar ta' residenza ta' l-istess attrici;

Tiddeciedi r-Raba' Talba billi tapplika kontra l-kontendenti d-disposizzjonijiet u sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli citati fic-citazzjoni kif illum emendati u senjatament tiddikjara li z-zewg kontendenti tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom;

Tilqa' l-Hames Talba u tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha billi tassenja lil kull parti dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghha;

Dwar il-kontro-talba l-konkluzjonijiet fuq it-talbiet attrici japplikaw ghall-istess talbiet izda tilqa' l-Hames Kontro-Talba u tiddikjara li l-attrici tilfet id-dritt taghha ghal manteniment minghand zewgha b'dan li fid-dawl tal-legislazzjoni recenti dana ghandu japplika wkoll kontra l-konvenut li wkoll tilef drittijiet simili;

Tiddeciedi wkoll is-Sitt Kontro-Talba billi tikkonferma li l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmi minuri Douglas ghandha tkun fdata konguntament liz-zewg kontendenti kif fuq imsemmi.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur